


**KONFERENZA DWAR L-ADEŻŻJONI
GĦALL-UNJONI EWROPEA
- IL-KROAZJA -**

**Brussell, 25 ta' Ġunju 2010
(OR. en)**

AD 22/10

LIMITE

CONF-HR 21



DOKUMENT DWAR L-ADEŻŻJONI

Suġġett: POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA
Kapitolu 23: Sistema Ġudizzjarja u Drittijiet Fundamentali

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA

Kapitolu 23: Sistema Ġudizzjarja u Drittijiet Fundamentali

Din il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-pożizzjoni ġenerali tagħha għall-Konferenza mal-Kroazja dwar l-Adeżjoni (CONF-HR 2/05), u hija soġġetta għall-prinċipji ta' negozjar approvati mill-Konferenza dwar l-Adeżjoni (CONF-HR 5/05), b'mod partikolari:

- kwalunkwe fehma espressa minn kwalunkwe parti dwar kapitolu tan-negozjati ma tippreġudika bl-ebda mod il-pożizzjoni li tista' tittieħed dwar kapitolu oħrajn;
- ftehimiet – anke ftehimiet parzjali – milħuqin matul in-negozjati dwar kapitolu li għandhom jiġu eżaminati wara ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala finali sakemm ikun ġie stabbilit ftehim globali;

kif ukoll għall-ħtiġiet imniżżlin fil-punti 13, 16 u 26 tal-Qafas tan-Negozjar.

L-UE tissottolinja l-importanza li l-Kroazja tikkonforma mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni kif ukoll mas-Sħubija għall-Adeżjoni, li jikkostitwixxu elementi bażiċi tal-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni.

L-UE tfakkar li l-kooperazzjoni sħiħa mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY) tibqa' essenzjali, f'konformità mal-qafas ta' negozjar. Barra minn hekk, l-UE tfakkar fil-konklużjonijiet tagħha tat-3 ta' Ottubru 2005 li anqas minn kooperazzjoni sħiħa mal-ICTY fi kwalunkwe stadju jaffettwa l-progress ġenerali tan-negozjati.

L-UE tinkoraġġixxi lill-Kroazja biex tkompli l-proċess ta' allinjament mal-*acquis* u l-implimentazzjoni u l-infurzar effettiv tiegħu, u b'mod ġenerali biex tiżviluppa diġà qabel l-adeżjoni, linji ta' politika u strumenti kemm jista' jkun qrib lejn dawk tal-UE.

L-UE tinnota li l-Kroazja, fil-pożizzjoni tagħha CONF-HR 6/10 taċċetta l-*acquis* taħt il-kapitolu 23 kif daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010, u li l-Kroazja tiddikjara li ser tkun lesta li timplimentah sad-data tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea.

L-UE tinnota d-diversi miżuri meħudin u l-pjani li għandhom jiġu sodisfatti li huma mniżżlin fil-pożizzjoni tal-Kroazja CONF-HR 6/10 li jappartjenu għall-aspetti kollha tal-kapitolu 23: Is-sistema ġudizzjarja u d-drittijiet fundamentali. L-UE tinnota li jenħtieġu aktar sforzi biex jiġi kkompletat il-qafas leġislattiv f'għadd ta' oqsma. Barra minn hekk, l-UE tissottolinja l-importanza li l-Kroazja tistabbilixxi rekord ta' ħidma dwar implimentazzjoni ma kullimkien, b'hekk turi li r-riformi li qed jiġu introdotti jagħtu riżultati konkreti.

(i) Sistema Ġudizzjarja

Indipendenza

L-UE tieħu nota tal-informazzjoni rigward l-*indipendenza* tas-sistema ġudizzjarja u, b'mod partikolari, tal-miżuri rigward ir-reklutaġġ u l-ġestjoni tal-karriera tal-imħallfin u l-avukati statali. L-UE tissottolinja l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ sistemi ta' għażla bbażati fuq kriterji uniformi, trasparenti, oġġettivi u applikabbli nazzjonalment, għar-reklutaġġ u l-ħatra ta' imħallfin u prosekuturi statali. L-UE tinnota l-intenzjoni tal-Kroazja f'dan ir-rigward li tintroduċi aktar emendi għal-leġislazzjoni sottostanti (li tkopri l-Liġi dwar il-Kunsill Ġudizzjarju tal-Istat, il-Liġi dwar is-Servizz tal-Prosekuzzjoni, il-Liġi dwar l-Akkademja Ġudizzjarja u l-Liġi dwar il-Qrati) adottati f'Diċembru 2009 kif ukoll il-leġislazzjoni sekondarja meħtieġa. L-UE tinnota n-neċessità li jissaħħaħ l-obbligu li jingħata rendikont pubbliku tas-sistema ġudizzjarja, kif ukoll l-importanza li jiġu evitati l-interventi politiċi jew interventi oħrajn fi proċedimenti ġudizzjarji.

L-UE tinnota li l-ewwel dħul ta' studenti għall-Iskola Statali għall-Ġudikatura u l-Prosekuturi hija ppjanata għal Ottubru 2010, bl-ewwel ħatriet li ser isiru mat-tlestija tal-programm tal-iskola u l-eżamijiet fl-2012. L-UE thegħgeġ lill-Kroazja li tiżgura li l-passi meħtieġa kollha jittieħdu fil-ħin u tissottolinja l-importanza partikolari li hija tagħti għall-implimentazzjoni sħiħa u proprja tad-dispożizzjonijiet transitorji għall-ħatra tal-imħallfin u l-prosekuturi. F'dan ir-rigward, il-Kroazja għandha tistabbilixxi rekord ta' hídma li juri li l-ħatriet huma bbażati fuq il-mertu mingħajr interferenza politika. Ser tingħata attenzjoni partikolari għall-funzjonament tal-Kunsill Ġudizzjarju tal-Istat (KĠS) u l-Kunsill Prosekutorjali tal-Istat (KPS) u t-tisħiħ ulterjuri tagħhom. L-UE tappella lill-Kroazja biex tiżgura li l-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja hija ggarantita fir-rigward tal-ħatriet għall-pożizzjoni ta' President tal-Qorti.

Imparzialità

L-UE tieħu nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kroazja fir-rigward tal-*imparzialità* tas-sistema ġudizzjarja b'mod partikolari l-Kodiċi tal-etika għall-imħallfin u l-avukati statali, is-sistema ta' proċedimenti dixxiplinarji u l-immunità tal-membri tas-sistema ġudizzjarja. L-UE tinnota wkoll u tissottolinja l-importanza tal-pjani tal-Kroazja li tirriforma l-proċedura tal-ħatra għal membri tal-KĠS u l-KPS, li tneħħi l-għan ta' interferenza politika fil-hídma ta' dawn il-korpi, u biex tneħħi l-perijodu ta' prova ta' 5 snin għall-imħallfin. Hija tistieden lill-Kroazja biex iżżomm lill-UE informata regolarment dwar il-passi meħudin ppjanati f'dan ir-rigward. F'dan il-kuntest, l-UE tissottolinja l-importanza ta' proċess trasparenti għall-elezzjoni mill-pari ta' membri professjonali ta' dawn il-korpi. B'mod partikolari, l-UE tissottolinja l-importanza li jiġu żgurati proċeduri dixxiplinarji effiċjenti u trasparenti. L-UE tistieden lill-Kroazja biex issaħħaħ il-kapaċità tal-Kunsill Ġudizzjarju tal-Istat u tal-Kunsill Prosekuttiv tal-Istat biex iwettqu l-funzjonijiet ewlenin tagħhom, b'mod partikolari għall-ħatra, it-taħriġ, il-promozzjoni u l-iddixxiplinar ta' uffiċjali ġudizzjarji, u biex tiżgura imparzialità u obbligu ta' rendikont suffiċjenti għal dawn il-korpi. L-UE tappella wkoll lill-Kroazja biex tiżgura applikazzjoni sħiħa tal-Kodiċi tal-etika u biex ittejjeb l-effikaċja tas-sistema tad-dikjarazzjoni tal-assi tal-imħallfin u l-prosekuturi, inkluż ivverifika sistematiku għall-eżattezza. L-UE tissottolinja l-importanza li l-Kroazja turi rekord ta' hídma f'dawn l-oqsma. L-UE tistieden lill-Kroazja biex ittejjeb il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet finali tal-qrati u l-aċċess għalihom kemm fl-interess tal-iżvilupp tal-ġurisprudenza u prattika ġudizzjarja konsistenti, kif ukoll fid-dawl ta' disseminazzjoni pubblika usa'.

Professjonaliżmu u kompetenza

L-UE tieħu nota tal-informazzjoni rigward il-*professjonaliżmu u l-kompetenza* tas-sistema ġudizzjarja u b'mod partikolari tal-miżuri rigward l-iżvilupp tal-Akkademja Ġudizzjarja, inkluż l-istatus indipendenti ġdid tagħha u l-pjani biex tiżdied il-kapaċità tagħha u biex tiġi pprovduta b'bini permanenti. L-UE tistieden lill-Kroazja biex tiggarantixxi l-indipendenza tal-Akkademja Ġudizzjarja fil-prattika, biex ittejjeb il-provvediment ta' taħriġ inizjali u kontinwu, inkluż dwar kwistjonijiet tad-dritt tal-UE, u s-saħħa l-istituzzjonijiet ta' taħriġ rilevanti, inkluż b'żieda fil-persunal, u tiżgura li l-Iskola Statli għall-Uffiċjali Ġudizzjarji li hija ppjanata twettaq ir-rwol tagħha effettivament.

Effiċjenza

L-UE tieħu nota tal-informazzjoni rigward l-*effiċjenza* tas-sistema ġudizzjarja u, b'mod partikolari, it-tnaqqis tal-kawżi b'lura quddiem il-qrati, il-proċess ta' razzjonalizzazzjoni tan-netwerk tal-qorti, l-introduzzjoni tas-sistemi tal-IT, il-pjani għar-riforma tal-proċedura ta' infurzar u l-introduzzjoni ta' sistema ta' marixxalli pubbliċi. L-UE tinnota li l-ġhadd ta' każijiet bl-lura quddiem il-qrati jibqa' għoli, speċjalment għal każijiet antiki, u l-problemi dwar it-tul tal-proċedimenti għadhom hemm. L-UE tistieden lill-Kroazja biex tkompli fl-isforzi tagħha biex tnaqqas sostanzjalment il-kawżi b'lura quddiem it-tip kollha ta' qrati u biex tistabbilixxi sistema komprensiva unika għall-monitoraġġ statistiku tal-każijiet mismugħa quddiem il-qrati kollha u l-uffiċċji tal-Avukati tal-Istat, waqt li tiżgura, fost oħrajn, li ż-żmien medju tal-proċedimenti għal kategoriji differenti ta' każijiet jista' jiġi mmonitorjat adegwament. L-UE tissottolinja l-importanza li tipprovi lill-qrati b'riżorsi suffiċjenti biex twettaq id-dmirijiet tagħhom u tappella lill-Kroazja biex ittejjeb u taċċellera l-isforzi tagħha biex timplimenta l-amalgamazzjoni funzjonali u fiżika tal-Qrati Muniċipali u l-Qrati għal Reati Minuri kif ukoll tal-uffiċċji tal-prosekutur u biex tadotta pjan iddefinit ċar għar-razzjonalizzazzjoni tal-qrati tal-kontei u l-qrati kummerċjali.

L-UE tappella lill-Kroazja biex tiżgura titjib tanġibbli fl-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qrati saħansitra qabel l-introduzzjoni tas-sistema ta' infurzar ġdid ippjanata. L-UE tissottolinja l-importanza li s-sistema ta' ġustizzja amministrattivi tiġi rriformata mingħajr dewmien. L-UE tinnota l-pjani tal-Kroazja fir-rigward ta' metodi ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim (ADR) u thegġegħ lill-Kroazja biex tiżgura li jkun hemm rikors opportun għall-ADR biex tikkontribwixxi għal effiċjenza ġudizzjarja akbar. Għandha tingħata attenzjoni akbar għal medjazzjoni barra l-qorti u biex ikun żgurat li l-medjazzjoni fil-qorti ma titqiesx bħala diżinċentiv f'termini ta' indikaturi ta' prestazzjoni għall-imħallfin. L-UE tissottolinja l-importanza ta' aktar titjib lis-sistema ta' spezzjonijiet ġudizzjarja, inkluż żidied fil-persunal, kif ukoll trasparenza akbar fl-ispezzjoni tal-uffiċċji tal-prosekuzzjoni. L-UE thegġegħ lill-Kroazja biex tiżgura li r-regolamenti meħtieġa jiġu adottati, li jingħata t-taħriġ u li t-tnejn jgħidu kkompetenti biex tippermetti applikazzjoni sħiħ tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali rigward il-modifiki tal-investigazzjonijiet ġudizzjarji u t-trasferiment tal-kompetenza lill-Prosekutur tal-Istat.

Delitti tal-gwerra

L-UE tieħu nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kroazja dwar it-tweġġ ta' investigazzjonijiet u proċessi interni dwar *delitti tal-gwerra*. L-UE tissottolinja l-importanza ta' aktar progress f'dan il-qasam, mhux biss biex taqdi l-interessi tal-ġustizzja fil-Kroazja iżda wkoll biex ittejjeb ir-rikonċiljazzjoni kemm fil-Kroazja kif ukoll fir-reġjun. F'dan il-kuntest, l-UE tinkoraġġixxi wkoll lill-Kroazja biex tkompli tindirizza l-kwistjoni ta' dawk irrapportati neqsin fil-konflitt fis-snin disgħin. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li tispiċċa l-impunità fir-rigward ta' ħafna reati mill-1990 li ma ġewx investigati u ma ġewx ipproċessati u biex tegħleb ir-resistenza fil-livell lokali biex tinvestiga u tipproċessa ċerti reati. F'dan il-kuntest, l-UE thegġegħ lill-Kroazja biex tiskjera b'mod effettiv rizersi investigattivi biex tinvestiga l-aktar każijiet serji u partikolarment sensittivi u biex tagħmel użu sħiħ u adatt tal-possibbiltà li tittrasferixxi l-każijiet mill-qrati lokali għall-qrati speċjali dwar id-delitti tal-gwerra.

L-UE tappella wkoll lill-Kroazja biex turi tmiem għal kwalunkwe bias fil-każijiet tad-delitti tal-gwerra u tiżgura imparzjalità fl-ipproċessar tal-każijiet mill-korpi tal-infurzar tal-liġi u l-qrati, inkluż permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-investigazzjonijiet u l-applikazzjoni ta' standard uniformi ta' responsabbiltà kriminali. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-applikazzjoni uniformi mis-sistema ġudizzjarja ta' standards ta' prosekuzzjoni għall-proċessi dwar delitti tal-gwerra, u t-tneħħija tad-diskrepanzi fl-att ta' akkuża u s-sentenzi tal-qorti għal delitti simili. L-UE tappella lill-Kroazja biex tiżgura l-provvediment sistematiku ta' avukati adegwati maħturin mill-qrati lill-akkużati u l-applikazzjoni ta' miżuri suffiċjenti ta' protezzjoni tax-xhieda.

L-UE tistieden ukoll lill-Kroazja biex timplimenta l-pjan ta' azzjoni tagħha għar-reviżjoni tal-kawżi *in absentia*, inkluża l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġodda tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali dwar it-tiġdid tal-proċedimenti u l-użu ta' rimedji legali oħrajn bħall-protezzjoni tal-illegalità, biex b'hekk jiġi żgurat li kemm it-talbiet għat-tiġdid ta' proċedimenti kif ukoll kwalunkwe proċess imġedded jiġu ttrattati sewwa u b'mod imparzjali mill-awtoritajiet ġudizzjarji rilevanti kollha. L-UE tinnota l-ħidma mwettqa mill-Kroazja dwar bażi ta' data tal-inċidenti kollha relatati mad-delitti tal-gwerra. L-UE tistieden lill-Kroazja biex tikkompleta din il-bażi ta' data u biex tagħmilha għodda effettiva u operattiva, ukoll fil-livell reġjonali, li tikkontribwixxi għall-prosekuzzjoni tad-delitti tal-gwerra.

Riforma ġudizzjarja

L-UE tieħu nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kroazja rigward il-proċess ta' *riforma ġudizzjarja* u b'mod partikolari, tal-impenn tal-Kroazja li timplimenta bis-sħiħ il-pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija ta' Riforma Ġudizzjarja ta' Ġunju 2008, kif ukoll id-data ppjanata ta' dan id-dokument. L-UE tisħaq dwar l-importanza li l-Kroazja taggħorna l-Istrateġija ta' Riforma Ġudizzjarja u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha u tistabbilixxi rekord ta' ħidma tal-implimentazzjoni effettiva tagħhom, inkluż billi tiżgura kapaċità istituzzjonali suffiċjenti għall-ġestjoni tar-riformi ġudizzjarji, inkluż skrutinju post-leġislattiv. L-UE thegġegħ lill-Kroazja biex tipproċedi mingħajr dewmien bir-riorganizzazzjoni interna kurrenti tal-Ministeru tal-Ġustizzja, waqt li tiżgura persunal suffiċjenti b'mod partikolari foqasma ta' riforma ewlenin u koordinazzjoni effettiva tal-korpi kollha involuti. L-UE tissottolinja l-importanza ta' tħejjijiet fil-ħin għall-użu tal-Fond Soċjali Ewropew, u b'mod partikolari l-Programm Operattiv għall-Iżvilupp tal-Kapaċità Istituzzjonali li jittratta r-riforma ġudizzjarja u l-miżuri ta' kontra l-korruzzjoni.

(ii) Ġlieda kontra l-korruzzjoni

Politika u istituzzjonijiet nazzjonali

L-UE tinnota l-informazzjoni pprovduta mill-Kroazja fir-rigward tal-arranġamenti istituzzjonali bis-seħħ għall-koordinazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' sforzi kontra l-korruzzjoni, inkluż l-aġġornament reċenti tal-kummissjoni għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni issa ppresjeduta mill-Prim Ministru. L-UE tisħaq dwar l-importanza ta' monitoraġġ ta' livell għoli kontinwat dwar ir-responsabbiltà u l-effettività tas-sistemi ġudizzjarji u amministrattivi fit-trattament tal-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni.

L-UE tissottolinja l-importanza tal-implimentazzjoni mill-Kroazja tal-Istrateġija u l-Pjan Nazzjonali tagħhom Kontra l-Korruzzjoni, u li tiżgura stabbiltà legali u istituzzjonali tal-qafas kontra l-korruzzjoni. B'mod partikolari, il-Kroazja għandha tiżgura mekkaniżmu ta' koordinazzjoni istituzzjonali effettiv għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-isforzi kontra l-korruzzjoni, inkluż it-tisħiħ ulterjuri tal-istruttura ta' koordinazzjoni tal-Ministeru tal-Ġustizzja u t-titjib tal-kapaċità u l-prestazzjoni tal-Ministeru tal-Amministrazzjoni minħabba r-responsabbiltajiet wiesgħa tiegħu skont l-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni kontra l-korruzzjoni.

L-UE tinnota wkoll ir-rwol pro-attiv li qed jiżdied li għandu l-Kunsill Nazzjonali għall-Monitoraġġ tal-Istrateġija Kontra l-Korruzzjoni. L-UE tinkoraġġixxi l-kontinwazzjoni ta' dan l-approċċ pro-attiv fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija, inkluż billi jiġu proposti miżuri korrettivi għall-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni u jingħata bidu għal dibattiti pubbliċi regolari dwar kwistjonijiet ta' korruzzjoni. Barra minn hekk l-UE tinkoraġġixxi lill-Gvern Kroat biex iwettaq attivitajiet regolari li jqajmu l-kuxjenza rigward l-eżistenza, il-kawżi u l-gravità u t-theddid li ġġib magħha l-korruzzjoni, waqt li jinvolvi b'mod ikkoordinat l-istituzzjonijiet kollha kkonċernati kif ukoll is-soċjetà ċivili.

L-UE tinnota l-analiżi tal-impatt previst tal-Kroazja tal-istrateġija tagħha kontra l-korruzzjoni kif ukoll l-aġġornament ippjanat tagħha ta' din l-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni relatat tagħha, li għandu jara fokus akbar fuq il-miżuri ta' prevenzjoni bħall-ittrattar ta' konflitti ta' interess, it-tqajjim tal-integrità u ż-żieda tat-trasparenza fl-Amministrazzjoni tal-Istat, u t-titjib tal-leġislazzjoni dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi. L-UE tissottolinja l-importanza ta' data statistika affidabbli u l-importanza li tiġi żgurata l-kapaċità li tiġi żviluppata analiżi tal-impatt tal-politika. L-UE tissottolinja l-importanza ta' implimentazzjoni effettiva ta' dawn il-miżuri fil-livell nazzjonali u lokali, kif ukoll tal-pjan ta' azzjoni tagħha dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-kumpanniji tal-istat, b'mod partikolari biex titnaqqas l-interferenza politika u biex jitjiebu s-sorveljanza u l-kontroll indipendenti.

Qafas legali nazzjonali

L-UE tinnota l-informazzjoni pprovduta rigward il-qafas legali nazzjonali kontra l-korruzzjoni fil-Kroazja. L-UE tinkoraġġixxi lill-Kroazja biex tkompli ttejjeb dan il-qafas bil-ħsieb li ttejjeb l-effettività tagħha. B'mod partikolari, l-UE tinkoraġġixxi lill-Kroazja biex tirrevedi kompletament u ttejjeb il-leġislazzjoni attwali tagħha dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi, fost oħrajn, biex testendi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha għall-kampanji elettorali u biex ittejjeb it-trasparenza u s-sorveljanza indipendenti. L-UE tinkoraġġixxi lill-Kroazja biex tieħu kont sħiħ tar-rakkomandazzjonijiet reċenti tal-GRECO f'dan ir-rigward.

L-UE tinkoraġġixxi wkoll li l-liġi dwar l-USKOK tiġi rfinuta aktar, inkluż fir-rigward tal-kompetenza limitata attwali tagħha għal każijiet ta' frodi fiskali. L-UE tinnota wkoll nuqqasijiet fil-qafas legali għall-ittrattar tar-reati ekonomiċi u finanzjarji. L-UE tappella lill-Kroazja biex tieħu miżuri sabiex tittratta l-korruzzjoni fis-settur privat, tagħmel użu sħiħ mill-possibbiltà li tipproċessa persuni ġuridiċi dwar korruzzjoni, tipproċessa l-każijiet ta' ħasil ta' flus fuq bażi "awtonoma" u tieħu azzjoni dwar ksur tal-Artikolu 300 tal-Kodiċi Kriminali (in-nuqqas ta' rappurtar tal-għarfien ta' reati kriminali).

L-UE tinnota l-informazzjoni pprovduta fir-rigward tal-Artikolu 82 tal-Kodiċi dwar il-Proċedura Kriminali u tistieden lill-Kroazja biex tistabbilixxi arranġamenti istituzzjonali adatti għall-ġestjoni tajba tal-proprjetà kkonfiskata f'proċedimenti kriminali.

L-UE tissottolinja l-importanza ta' trasparenza, effiċjenza u integrità mtejbmin fl-amministrazzjoni pubblika bħala pilastru wieħed tal-qafas kontra l-korruzzjoni. F'dan ir-rigward, l-UE tistieden lill-Kroazja biex timplimenta miżuri konkreti kontra l-korruzzjoni, tiżgura t-taħriġ kontinwu tal-persunal, biex tadotta, emenda u timplimeta l-leġislazzjoni neċessarja għall-applikazzjoni sħiħa tal-Att dwar Proċeduri Amministrattivi Ġenerali sabiex it-trasparenza, l-oġġettività, il-kjarezza, l-effiċjenza u ċ-ċertezza legali jiġu żgurati. L-UE tistieden ukoll lill-Kroazja biex ittejjeb l-aċċess għall-leġislazzjoni u l-prattika dwar l-informazzjoni sabiex tinkiseb aktar trasparenza, biex titjieb l-implimentazzjoni tas-sistema ta' etika u integrità fl-amministrazzjoni pubblika u biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-pjani ta' azzjoni kontra l-korruzzjoni f'kumpanniji tal-Istat. L-UE tissottolinja wkoll l-importanza ta' miżuri li jneħħu l-influwenza politika fis-servizz ċivili u t-tlestija ta' bażi legali għall-bini ta' servizz ċivili professjonali permezz tal-istabbiliment ta' sistema ġdida ta' salarji sabiex jiġu żgurati mekkaniżmi ta' promozzjoni jew ippremjari ibbażati fuq il-mertu u ż-żamma ta' persunal kapaċi, biex b'hekk jitnaqqas ir-riskju ta' korruzzjoni.

L-UE tissottolinja l-importanza ta' titjib sostanzjali fl-ittrattar ta' sitwazzjonijiet ta' konflitti ta' interess u tappella lill-Kroazja biex tintroduċi sistema adegwata biex tipproteġi kontra l-konflitti ta' interess u tissanzjonahom fil-livelli kollha u biex tistabbilixxi rekord ta' ħidma dwar l-implimentazzjoni, inkluż appoġġ professjonali u amministrattiv imsaħħaħ disponibbli lill-Kummissjoni għal Konflitti ta' Interess sabiex tiżgura l-operat effettiv tagħha, il-ħruġ ta' linji gwida interpretattivi bil-miktub u t-taħriġ tal-uffiċjali pubbliċi dwar il-konflitti ta' interess fil-korpi statali rilevanti kollha, filwaqt li jiġi żgurat li dawn il-linji gwida (kodiċi ta' etika/kodiċi ta' kondotta) jiġu miġjuba b'mod proattiv għall-attenzjoni tal-persunal. L-UE tappella wkoll lill-Kroazja biex tintroduċi sistema adegwata għall-monitoraġġ u l-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-uffiċjali pubbliċi u l-imħallfin, inklużi sanzjonijiet dissuażivi għan-nuqqas ta' konformità.

Qafas legali internazzjonali u istituzzjonijiet

L-UE tinnota li l-Kroazja allinjat mal-istrumenti legali internazzjonali rilevanti kollha f'dan fil-qasam. L-UE tinkoraġġixxi lill-Kroazja biex timplimenta dawn l-istrumenti legali u tadotta politiki kontra l-korruzzjoni u miżuri li jsegwu approċċ multidixxiplinarju. L-UE tinnota l-informazzjoni pprovduta mill-Kroazja fir-rigward tal-istabbiliment ta' l-hekk imsejħa sistema vertikali USKOK fil-Kroazja, magħmula mill-USKOK, PNUSKOK u awli speċjalizzati kontra l-korruzzjoni fil-Qrati tal-Kontei ta' Zagreb, Split, Osijek u Rijeka. L-UE tinnota li l-implimentazzjoni ta' dawn l-arranġamenti istituzzjonali introdotti reċentement tinsab fi stadju bikri. L-UE tinnota wkoll li l-qrati speċjalizzati fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni jeżistu biss fil-Qrati ta' Prim'Istanza. F'dan il-kuntest, l-UE tissottolinja l-importanza li l-Kroazja tistabbilixxi rekord ta' ħidma dwar investigazzjoni, prosekuzzjoni u sentenzi tal-qorti effettivi f'kawżi ta' kriminalità organizzata u korruzzjoni, irrispettivament mil-livell, inkluż f'setturi vulnerabbli bħal dak tal-akkwist pubbliku. L-UE tappella lill-Kroazja biex tiżgura l-ittrattar effiċjenti u effettiv tal-kawżi ta' korruzzjoni u kriminalità organizzata mill-USKOK, il-pulizija u l-qrati, inkluża kooperazzjoni mtejba bejn l-aġenziji, speċjalment fost il-korpi tal-infurzar tal-liġi u fil-qasam tal-kooperazzjoni finanzjarja u l-ittrattar tad-data, u l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' memoranda ta' qbil u protokoll ta' kooperazzjoni. L-UE tinkoraġġixxi wkoll lill-Kroazja li ttejjeb il-kooperazzjoni internazzjonali tagħha, partikolarment dwar il-kriminalità organizzata, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni abbażi ta' konvenzjonijiet internazzjonali.

L-UE tappella lill-Kroazja biex issaħħaħ aktar il-kapaċità tal-USKOK, mhux tal-inqas bil-ħsieb tar-responsabbiltajiet miżjudin tagħha fil-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali. L-UE tappella lill-Kroazja biex tagħti lil USKOK, PNUSKOK u lil korpi oħrajn kontra l-korruzzjoni l-indipendenza meħtieġa biex dawn il-korpi jkunu jistgħu jwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod effettiv u ħielsa minn kwalunkwe influwenza bla bżonn. L-UE tissottolinja l-importanza li l-investigazzjonijiet ikunu wiesgħa biżżejjed li jiżguraw li jkunu ġew esplorati t-toroq fattibbli kollha u twiddeb kontra li l-investigazzjonijiet jiġu limitati, speċjalment dawk dwar korruzzjoni politika, sempliċement bil-ħsieb ta' riżultati rapidi. L-UE tinnota li żewġ-terzi tal-każijiet ta' korruzzjoni jiġu arkivjati mill-Prosekutur u tappella lill-Kroazja biex tiżgura żieda fit-trasparenza u l-kontroll ta' tali kaħdiet.

L-UE tissottolinja wkoll l-importanza li jiġi żgurat li l-pulizja jkollhom disponibbli riżorsi umani u tekniċi suffiċjenti, u li tiżdied l-effettività tal-pulizija, inkluż permezz tat-tneħħija tal-influwenza politika, żieda fil-professjonaliżmu u l-ħatriet abbażi tal-merti, it-tisħiħ tal-għarfien speċjalizzat, speċjalment għal reat finanzjarji, u kooperazzjoni mtejbja bejn il-PNUSKOK, l-amministrazzjoni tat-taxxa, id-dwana u l-pulizija, inkluża l-pulizija finanzjarja. L-UE tistieden lill-Kroazja biex talloka biżżejjed riżorsi biex issaħħaħ l-erba' uffiċċji reġjonali tal-PNUSKOK.

L-UE tappella lill-Kroazja biex iżżid il-kapaċità tal-qrati li jittrattaw kawżi ta' korruzzjoni u kriminalità organizzata, inkluż f'termini ta' riżorsi umani u loġistika, u biex tiġi żgurata l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet dissuażivi. L-UE tistieden lill-Kroazja li tintroduċi skadenzi prijoritarji għall-pubblikazzjoni tal-motivazzjonijiet bil-miktub tas-sentenzi.

L-UE tistieden lill-Kroazja tiżgura li tiġi żviluppata statistika adegwata sabiex tippermetti monitoraġġ effettiv tal-ittrattar tal-kawżi fl-istadji kollha tal-proċedura investigattiva/ġudizzjarja.

(iii) Drittijiet fundamentali

Ġenerali

L-UE tinnota l-informazzjoni pprovduta mill-Kroazja fir-rigward tad-drittijiet fundamentali. L-UE tistieden lill-Kroazja biex tkompli l-ħidma biex ittejjeb is-sitwazzjoni fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem b'mod partikolari fir-rigward tan-nondiskriminazzjoni, is-salvagwardji proċedurali, id-drittijiet tal-persuni li jappartjenu lill-minoranzi u d-drittijiet kulturali u l-protezzjoni tad-data, kif ukoll biex tieħu miżuri kontra r-razziżmu u l-ksenofobija.

Drittijiet tal-bniedem

L-UE tinnota l-informazzjoni pprovduta mill-Kroazja dwar id-drittijiet tal-bniedem. B'mod partikolari, l-UE tinnota l-pjani tal-Kroazja rigward il-kondizzjonijiet *fil-ħabsijiet*, speċjalment iż-żidiet previsti fil-kapaċità tal-ħabsijiet. L-UE tinkoraġġixxi lill-Kroazja biex issegwi din il-miżura u miżuri oħrajn biex ittaffi l-iffullar fil-ħabsijiet, inkluża l-implimentazzjoni sħiħa tas-sistema ta' probation il-ġdida skont l-Att dwar il-Probation ta' Jannar 2010. L-UE tisħaq li l-kondizzjonijiet ta' detenzjoni huma wieħed mill-fatturi ewlenin għall-bini ta' fiduċja reċiproka fis-sistemi legali rispettivi. Fir-rigward tal-*libertà ta' espressjoni*, l-UE tistieden lill-Kroazja biex timplimenta l-pjani tagħha f'dan il-qasam filwaqt li tiżgura li jintlaħqu l-istandards tal-UE. L-UE tissottolinja li l-libertà ta' espressjoni kif ukoll il-libertà tal-mezzi tax-xandir u l-libertà ta' assemblea huma valuri fundamentali tal-UE. L-UE tappella lill-Kroazja biex tagħti attenzjoni partikolari lill-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' inċidenti ta' intimidazzjoni u vjolenza kontra l-ġurnalisti, b'mod partikolari dawk li jinvestigaw każijiet ta' korruzzjoni u kriminalità organizzata. Barra minn hekk, l-UE tappella lill-Kroazja biex tiżgura li l-edituri u l-ġurnalisti ma jiffaċċawx pressjoni politika, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak lokali.

Fir-rigward *tar-reati kontra d-diskriminazzjoni u r-reati ta' mibgħeda*, l-UE tissottolinja l-importanza ta' implimentazzjoni sħiħa tal-leġislazzjoni rilevanti u li jiġi żgurat li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jittrattaw il-każijiet b'mod effettiv. L-UE tistieden lill-Kroazja biex tieħu miżuri sabiex is-saħħaħ il-pożizzjoni tal-uffiċċju tal-Ombudsman bħala l-korp ċentrali għall-implimentazzjoni tal-Liġi Kontra d-Diskriminazzjoni, inkluż id-disponibbiltà tal-mezzi baġitarji. L-UE tinnota wkoll l-importanza ta' segwitu adatt u sħiħ tar-rakkomandazzjonijiet magħmulin mill-Ombudsman.

L-UE tinkoraġġixxi lill-Kroazja biex tkompli timplimenta l-pjani nazzjonali dwar id-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet tan-nisa u fir-rigward ta' persuni b'diżabbiltajiet, sabiex tiżgura li n-nuqqasijiet li għad fadal jiġu indirizzati b'mod adegwat u biex tiffinforza r-riżorsi umani u l-kapaċità finanzjarja tal-Uffiċċju għad-Drittijiet tal-Bniedem, u tal-Ombudspersons għat-Tfal, in-Nisa u d-Diżabbli.

Salvagwardji proċedurali

L-UE tinnota l-informazzjoni pprovduta mill-Kroazja fir-rigward tas-salvagwardji proċedurali. L-UE tinnota li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tkompli ssib ksur fil-Kroazja rigward id-dritt ta' smiġh ġust u t-tul tal-proċedimenti, inklużi l-proċedimenti ta' infurzar, taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. L-UE tappella lill-Kroazja biex tieħu l-passi neċessarji kollha biex tiżgura d-disponibbiltà ta' rimedji effettivi fis-sistema legali nazzjonali biex tevita d-dewmien bla bżonn fil-proċedimenti tal-qorti. Fir-rigward *tad-dritt ta' smiġh ġust* u aċċess għall-ġustizzja, l-UE tissottolinja l-importanza ta' implimentazzjoni mtejbja tal-Liġi dwar l-Għajjnuna Legali, inkluż permezz ta' proċeduri ta' applikazzjoni simplifikati u tnaqqis tad-differenza bejn it-tariffi tal-avukati tal-għajjnuna legali u t-tariffi normali tal-avukati. Barra minn hekk, l-UE tappella lill-Kroazja sabiex tiżgura monitoraġġ adatt tal-implimentazzjoni tas-sistema tal-għajjnuna legali u biex tapplika miżuri korrettivi kif adatt.

L-UE tinnota wkoll il-pjani tal-Kroazja għar-riforma tal-ġustizzja amministrattiva abbażi tal-Liġi dwar it-Tilwim Amministrattiv, inkluż il-ħolqien ta' sistema fuq żewġ livelli ta' qradi amministrattivi u l-appuntar tal-Qorti tal-Ġustizzja bħala qorti ta' ġurisdizzjoni sħiħ fit-tifsira tal-Artikolu 6 tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. F'dan il-kuntest, l-UE tissottolinja wkoll l-importanza ta' riforma amministrattiva usa', inkluż fost oħrajn, permezz tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Att dwar Proċeduri Amministrattivi Ġenerali.

Rispett għall-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom, drittijiet kulturali

L-UE tinnota l-informazzjoni pprovduta mill-Kroazja fir-rigward ta' miżuri mmirati lejn il-*protezzjoni tal-minoranzi*, inkluż il-Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Att Kostituzzjonali dwar id-Drittijiet tal-Minoranzi Nazzjonali (CARNM).

L-UE tissottolinja l-importanza li l-Kroazja tieħu miżuri biex ittejjeb aktar il-protezzjoni tal-minoranzi, b'mod partikolari l-minoranza Serba u l-minoranza Rom li jiffaċċjaw sfidi partikolari. L-UE tappella lill-Kroazja biex ittejjeb l-implimentazzjoni tal-CARNM, b'mod partikolari biex tiġi indirizzata s-sottorappreżentanza tal-minoranzi fl-amministrazzjoni tal-istat, is-sistema ġudizzjarja u l-pulizija. F'dan il-kuntest, il-Kroazja hija mistiedna tipprovdni informazzjoni regolari dwar l-implimentazzjoni tal-pjani dwar l-impjiegi kkoordinata mill-Ministeru tal-Amministrazzjoni u biex tiżgura li jinkisbu riżultati konkreti, inkluż permezz ta' monitoraġġ imtejjeb tal-implimentazzjoni tagħhom. L-UE tieħu nota tal-informazzjoni pprovduta rigward il-kunsilli għall-minoranzi nazzjonali, inkluż fil-livell lokali. F'dan ir-rigward l-UE tistieden lill-Kroazja biex tkompli tieħu l-miżuri sabiex tiżgura l-funzjonament effettiv ta' dawn il-kunsilli, inkluża l-awtonomija baġitarja tal-kunsilli lokali għall-minoranzi nazzjonali.

L-UE tappella wkoll lill-Kroazja biex tindirizza d-diskriminazzjoni tal-minoranzi b'mod aktar miftuħ, inkluż permezz tal-adozzjoni tal-istrateġija mmirata lejn l-ittrattar tad-diskriminazzjoni tal-minoranzi fis-settur pubbliku mhux koperti mill-CARNM. Għandha tingħata attenzjoni wkoll li l-membri tal-gruppi minoritarji jkollhom aċċess għad-drittijiet soċjali. L-UE tinkoraġġixxi lill-Kroazja biex tkompli l-attivitajiet li jqajmu l-kuxjenza għall-persuni li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali rigward id-drittijiet li huma intitolati għalihom u biex jieħdu miżuri biex jibnu l-fiduċja fost il-membri ta' gruppi minoritarji fil-politika tal-gvern dwar il-minoranzi, inkluż permezz ta' iżjed trasparenza u djalogu. L-UE tappella lill-Kroazja biex tkompli timplimenta l-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni tagħha għall-protezzjoni u l-integrazzjoni tar-Rom, speċjalment fir-rigward tal-impjiegi, l-educazzjoni u l-akkomodazzjoni, u tiżgura l-disponibbiltà tal-mezzi neċessarji.

L-UE tissottolinja l-importanza li jiġu riżolti kwistjonijiet pendenti dwar ir-*refuġjati* li jirriżultaw mill-konflitt tas-snin disgħin. F'dan ir-rigward, l-UE tissottolinja l-importanza partikolari ta' aktar titjib tal-klima għar-riintegrazzjoni soċjali u ekonomika tar-rimpatrijati u l-iffaċilitar tal-aċċettazzjoni tar-rimpatrijati mill-komunitajiet riċeventi.

L-UE tappella wkoll għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kroazja dwar il-Programm ta' Assistenza għall-Akkomodazzjoni għar-refuġjati u għad-detenturi preċedenti tad-drittijiet tal-kera li jixtiequ jirritornaw fil-Kroazja, inkluż il-ksib tal-miri għall-2008 u l-2009 għall-provvediment tal-akkomodazzjoni kemm ġewwa kif ukoll barra ż-Żoni ta' Interess Speċjali għall-Istat. L-UE tistieden lill-Kroazja biex tagħmel progress sostanzjali fil-provvediment tal-akkomodazzjoni lill-applikanti l-oħra kollha ta' suċċess għall-Assistenza għall-Akkomodazzjoni abbażi ta' pjan b'rendikont tal-ispejjeż. L-UE thegħgeġ lill-Kroazja biex tipproċedi b'kawtela meta tittratta każijiet ta' appartamenti li baqgħu mhux okkupati u tissottolinja li kwalunkwe reallokazzjoni għandha sseħħ abbażi tal-applikazzjoni ta' kriterji ċari u ġusti, inkluż il-kooperazzjoni mill-qrib mal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati fejn opportun. L-UE tistieden lill-Kroazja biex issaħħaħ it-trattament tal-appelli għall-applikazzjonijiet miċħudin ta' rikostruzzjoni tad-djar, telimina l-akkumulu ta' appelli eżistenti b'lura u tagħmel progress sinifikanti dwar ir-rikostruzzjoni tal-proprjetajiet li jifdal.

L-UE tissottolinja l-importanza ta' progress kontinwat fir-rigward tal-*konvalidazzjoni* ta' deċiżjonijiet u atti individwali rigward il-pensjoni u drittijiet relatati. L-UE tistieden lill-Kroazja biex tipproċessa l-applikazzjonijiet b'mod espedjenti u biex twettaq monitoraġġ suffiċjenti u miżuri ta' rimedju biex tiżgura applikazzjoni uniformi ta' kriterji oġġettivi mill-uffiċċji lokali tal-pensjonijiet.

L-UE tissottolinja l-importanza li l-Kroazja ttejjeb l-eżattezza tal-monitoraġġ statistiku tagħha tal-aspetti kollha tal-proċess ta' ritorn tar-refuġjati.

Minħabba d-dimensjoni reġjonali importanti tal-kwistjonijiet dwar ir-refuġjati u l-impenn tal-Kroazja għal relazzjonijiet tajbin tal-viċinat, l-UE tappella lill-Kroazja biex timpenja lilha nfisha b'mod attiv fi proċessi reġjonali mmirati li jindirizzaw kwistjonijiet pendenti dwar ir-ritorn tar-refuġjati, inklużi drittijiet mitlufin ta' okkupazzjoni u kera.

Miżuri kontra r-razziżmu u l-ksenofobija

L-UE tappella lill-Kroazja biex timplimenta l-miżuri sabiex tiżdied it-tolleranza fis-soċjetà u r-rikonċiljazzjoni bejn il-gruppi etniċi. B'mod partikolari, il-Kroazja għandha tinkoraġġixxi spirtu ta' tolleranza lejn il-minoranza Serba u tiegħu miżuri xierqa biex tiproteġi lil dawk li jista' jkun għadhom suġġetti għal theddid jew atti ta' diskriminazzjoni, ostilità jew vjolenza. Il-Kroazja għandha tiegħu miżuri kontra r-razziżmu u l-ksenofobija, inkluż permezz tat-tqajjim tal-kuxjenza pubblika, l-edukazzjoni, inkluż billi jiġi rivedut ir-rwol tal-iskola, il-mezzi tax-xandir, u rispons adegwat fil-livell politiku u dak tal-infurzar tal-liġi għal inċidenti razzisti. L-UE tistieden li jimplimentaw il-lakuni fil-qafas legali eżistenti, inkluż billi tiġi eżaminata l-possibbiltà li tiġi emendata l-Liġi dwar Reati Minuri biex jiġi introdott il-ksur ta' reati minuri kontra l-paċi u l-ordni pubblika minħabba raġunijiet razzjali, etniċi, reliġjużi jew raġunijiet oħrajn.

Protezzjoni tad-data personali

L-UE tinnota l-impenji tal-Kroazja għall-allinjament mal-*acquis* dwar il-protezzjoni tad-data personali. F'dan ir-rigward, l-UE tistieden lill-Kroazja biex ittejjeb il-kapaċità tal-Aġenzja għall-Protezzjoni tad-Data biex twettaq l-attivitajiet ta' superviżjoni tagħha.

(iv) Drittijiet taċ-ċittadini tal-UE

Dritt tal-vot u tal-kandidatura f'elezzjonijiet muniċipali

L-UE tinnota l-impenn tal-Kroazja li tadotta l-Att dwar l-Emendi għall-Att dwar l-Elezzjoni tal-Membri tal-Korpi Rappreżentattivi tal-Gvern Awtonomu Lokali u Reġjonali sa tmiem l-2010, kif ukoll li tintroduċi emendi għad-dispożizzjonijiet Kostituzzjonali rilevanti għall-eżerċizzju ta' drittijiet elettorali attivi u passivi fl-elezzjonijiet lokali fil-Kroazja għaċ-ċittadini tal-UE li jirrisjedu fil-Kroazja.

Id-dritt li persuna tiċċaq laq u tirrisjedi liberament

L-UE tinnota l-impenn tal-Kroazja li temenda l-Att dwar il-Barranin sabiex tallinja bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tagħha mad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri, kif ukoll tal-pjani tagħha li tipprovdi lill-ħaddiema taċ-ċivil bit-taħriġ neċessarju biex japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet.

Protezzjoni diplomatika u konsulari

L-UE tinnota l-impenn tal-Kroazja biex temenda l-Att dwar l-Affarijiet Barranin fl-2011 u tadotta r-regolamenti implimentattivi rilevanti sabiex il-Kroazja tkun tista' tipprovdi protezzjoni liċ-ċittadini tal-UE f'konformità mad-Deċiżjoni 95/553/KE tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill tad-19 ta' Deċembru 1995 rigward il-protezzjoni ta' ċittadini tal-Unjoni Ewropea minn rappreżentazzjonijiet diplomatiċi u konsulari, u biex tapplika d-Deċiżjoni 96/409/PESK tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri fil-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar l-istabbiliment ta' dokument proviżorju tal-ivvjaġġar.

* * *

Minħabba l-istat preżenti tat-tħejjijiet, l-UE tinnota li, fuq il-fehim li l-Kroazja għandha tkompli tagħmel progress fl-allinjament ma' u l-implimentazzjoni tal-*acquis* kopert mill-kapitolu dwar is-Sistema ġudizzjarja u d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari f'dawk il-kwistjonijiet imsemmijin hawn fuq, dan il-kapitolu jista' jingħalaq proviżorjament biss ladarba jkun hemm qbil mill-UE li l-punti ta' referenza li ġejjin ikunu ntlaħqu:

Sistema ġudizzjarja

Il-Kroazja taġġorna l-Istrateġija għar-Riforma Ġudizzjarja u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha u tiżgura l-implimentazzjoni effettiva. B'mod partikolari,

- Il-Kroazja tistabbilixxi kapaċità istituzzjonali suffiċjenti għall-ġestjoni tar-riformi ġudizzjarji, inkluż l-iskrutinju postlegislattiv.

Il-Kroazja ssaħħaħ l-indipendenza, ir-responsabbiltà, l-imparzjalità u l-professjonaliżmu tas-sistema ġudizzjarja. B'mod partikolari,

- Il-Kroazja tistabbilixxi rekord ta' ħidma dwar ir-reklutaġġ u ħatriet ta' imħallfin, prosekuturi tal-istat u Presidenti tal-Qorti abbażi tal-applikazzjoni tal-kriterji uniformi, trasparenti, oġġettivi u nazzjonalment applikabbli stabbiliti fil-liġi, inkluż li l-Iskola tal-Gvern għall-Imħallfin u l-Prosekuturi tibda operat effettiv;
- Il-Kroazja tirriforma u ssaħħaħ lill-Kunsill Ġudizzjarju tal-Istat u l-Kunsill Presekutorju tal-Istat (inkluż permezz tal-elezzjoni mill-pari tal-membri professjonali) sabiex dawn il-korpi jwettqu l-funzjonijiet ewlenin tagħhom professjonalment, imparzjalment u mingħajr interferenza politika jew interferenza oħra, b'mod partikolari fil-ħatriet, fil-ġestjoni tal-karrieri u fid-dixxiplinar tal-imħallfin u l-prosekuturi.

Il-Kroazja ttejjeb l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja. B'mod partikolari,

- Il-Kroazja tnaqqas sostanzjalment il-kawżi b'lura quddiem il-qorti, partikolarment fir-rigward ta' kawżi ċivili u kriminali qodma u ta' deċiżjonijiet tal-infurzar, u timplimenta miżuri legali u organizzattivi adegwati biex tevita d-dewmien bla bżonn fil-kawżi tal-qorti, inkluż l-introduzzjoni ta' metodi ġodda ta' infurzar biex ikun żgurat li d-deċiżjonijiet tal-qorti jkunu infurzabbli fi żmien raġonevoli, l-użu mtejjeb ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim (ADR), inkluż is-simplifikazzjoni tal-mekkaniżmi tal-ADR, u rekord ta' ħidma dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċijiet ġodda tal-Proċedura Kriminali u tal-Proċedura Ċivili;

- Il-Kroazja tagħmel progress fl-infrastrutturi fiżiċi u bil-kompjuterizzazzjoni tal-qrati, bl-introduzzjoni aċċellerata tas-sistemi tal-ġestjoni tal-kawżi, b'mod partikolari s-Sistema Integrata tal-Ġestjoni tal-Kawżi (ICMS), bl-istabbiliment ta' sistema unifikata tal-istatistika għall-monitoraġġ tat-tipi kollha ta' kawżi ttrattati quddiem il-qrati kollha u fis-servizzi tal-prosekuzzjoni, u tintroduċi l-allokazzjoni każwali tal-kawżi fil-qrati kollha;
- Il-Kroazja tkompli timplimenta r-razzjonalizzazzjoni tal-qrati muniċipali u tar-reati, waqt li tiżgura l-operat effiċjenti tal-qrati mħalltin, u tistabbilixxi b'mod ċar il-mezzi loġistiċi u finanzjarji fit-tul għall-ikkompletar tal-proċess ta' razzjonalizzazzjoni tal-qrati; Il-Kroazja tadotta pjad iddefinit b'mod ċar għar-razzjonalizzazzjoni tal-qrati tal-kontea u dawk kummerċjali.

Il-Kroazja ttejjeb it-trattament tal-kawżi tad-delitti nazzjonali tal-gwerra. B'mod partikolari,

- Il-Kroazja tistabbilixxi rekord ta' ħidma dwar it-trattament imparzjali tal-kawżi tad-delitti tal-gwerra mill-korpi tal-infurzar tal-liġi u mill-qrati u tiegħu azzjoni effettiva biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ta' impunità, b'mod partikolari billi tiżgura l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni adatti ta' reati li s'issa għadhom ma ġewx investigati u ma tressqux quddiem il-qorti, inklużi l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' strateġija ċara li tindirizza, fost l-oħrajn id-diskrepanzi reġjonali fil-Kroazja, kif ukoll l-impenn kontinwat fil-livell bilaterali u f'dak reġjonali;
- Il-Kroazja timplimenta l-pjan ta' azzjoni tagħha għar-reviżjoni tal-kawżi in absentia u d-dispożizzjonijiet ġodda tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali dwar it-tiġdid tal-proċedimenti u l-użu ta' rimedji legali oħrajn bħall-protezzjoni tal-legalità, waqt li tiżgura li t-tiġdid ta' talbiet ta' proċedimenti u l-proċessi mġedda jiġu ttrattati sewwa u b'mod imparzjali mill-awtoritajiet ġudizzjarji rilevanti kollha.

Ġlieda kontra l-korruzzjoni

Il-Kroazja tistabbilixxi rekord ta' ħidma ta' riżultati sostanzjali bbażat fuq investigazzjoni, prosekuzzjoni u sentenzi tal-qorti effiċjenti, effettivi u imparzjali f'kawżi ta' kriminalità organizzata u korruzzjoni fil-livelli kollha inkluża l-korruzzjoni f'livell għoli, u f'setturi vulnerabbli bħal dak tal-akkwist pubbliku. B'mod partikolari,

- Il-Kroazja tirrinforza aktar il-kapaċità operattiva tal-USKOK, inkluż billi testendi l-kompetenza tiegħu għall-frodi tat-taxxa marbut mar-reati tal-kriminalità organizzata u tal-korruzzjoni, waqt li ttejjeb il-ħila esperta finanzjarja u tiżgura t-taħriġ u r-riżorsi suffiċjenti fir-rigward tar-rwol ġdid tiegħu fis-sistema akkużatorja introdotta f'Lulju 2009;
- Il-Kroazja tiegħu miżuri biex ittejjeb l-effettività u l-indipendenza tal-pulizija, inkluż permezz tad-depolitizzazzjoni u l-professjonaliżmu mtejjeb, it-tisħiħ tal-ħila esperta speċjalizzata, speċjalment għar-reati finanzjarji, u l-kooperazzjoni mtejjba ma' aġenziji oħrajn, is-settur finanzjarju u s-sħab internazzjonali; Il-Kroazja tapplika b'mod effettiv u konsistenti d-dispożizzjonijiet dwar il-konfiska tal-Artikolu 82 tal-Kodiċi Kriminali u tistabbilixxi responsabbiltajiet u regoli ċari għall-ġestjoni tajba ta' proprjetà kkonfiskata fi proċedimenti kriminali.
- Il-Kroazja żżid il-kapaċità tal-qrati biex jittrattaw il-kawżi b'mod adegwat, inkluż f'termini ta' riżorsi umani u ta' loġistika.

Il-Kroazja tistabbilixxi rekord tajjeb ta' ħidma ta' miżuri ta' prevenzjoni msaħħa fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-konflitt ta' interess. B'mod partikolari,

- Il-Kroazja żżid it-trasparenza u l-integrità fl-amministrazzjoni pubblika u fil-kumpanniji pposseduti mill-istat, inkluż bit-titjib tal-leġislazzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni u l-implimentazzjoni tagħha, bl-adozzjoni, l-emendar u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni sħiħa tal-Att dwar il-Proċeduri Ġenerali Amministrattivi, bl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni kontra l-korruzzjoni fil-kumpanniji pposseduti mill-istat u bit-taħriġ kontinwu tal-persunal;

- Il-Kroazja temenda l-leġislazzjoni attwali tagħha dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi, fost l-oħrajn, biex testendi l-ambitu tagħha għall-kampanji elettorali u biex ittejjeb it-trasparenza u s-sorveljanza indipendenti;
- Il-Kroazja tiżgura li jkun hemm leġislazzjoni u sistemi effettivi fis-seħħ għall-protezzjoni kontra u s-sanzjoni ta' konflitti ta' interess fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni tal-istat/pubblika, u għall-monitoraġġ u l-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-uffiċjali pubbliċi u l-imħallfin, inklużi sanzjonijiet dissważivi għan-nuqqas ta' osservanza. Il-Kroazja għandha tiżgura li jkun hemm fis-seħħ sistemi effettivi biex tippermetti u tappoġġa lil dawk li jirrappurtaw il-korruzzjoni u l-amministrazzjoni ħażina fl-istituzzjonijiet pubbliċi.

Drittijiet fundamentali

Il-Kroazja ssaħħaħ il-protezzjoni tal-minoranzi, inkluż permezz tal-implimentazzjoni effettiva tal-Att Kostituzzjonali dwar id-Drittijiet tal-Minoranzi Nazzjonali (CARNM). B'mod partikolari,

- Il-Kroazja tieħu passi biex tiżgura titjib tanġibbli fil-livell ta' impjiegi tal-minoranzi nazzjonali fil-korpi tal-amministrazzjoni tal-istat u fil-korpi tat-tmexxija awtonoma lokali u reġjonali, fil-pulizija u fis-sistema ġudizzjarja, u tistabbilixxi sistema effettiva ta' monitoraġġ statistiku, inkluż permezz tal-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjanijiet tal-impjiegi fil-korpi rilevanti kollha;
- Il-Kroazja twettaq studju komprensiv dwar in-nuqqas ta' rappreżentanza tal-minoranzi fis-settur pubbliku usa' li mhuwiex kopert mis-CARNM u tadotta pjan biex jiġu ttrattati n-nuqqasijiet identifikati;
- Il-Kroazja twettaq miżuri mmirati lejn ir-rikonċiljazzjoni u aktar tolleranza fost iċ-ċittadini, inkluż permezz tal-edukazzjoni u r-reviżjoni tar-rwol tal-edukazzjoni, permezz tal-midja, u b'rispons adegwat fil-livell politiku u f'dak tal-infurzar tal-liġi għal inċidenti razzisti jew ksenofobiċi.

Il-Kroazja ssib soluzzjoni għall-kwistjonijiet pendenti tar-ritorn tar-refuġjati. B'mod partikolari,

- Il-Kroazja timplimenta bis-sħiħ il-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar il-Programm ta' Assistenza għall-Akkomodazzjoni għar-refuġjati u għad-detenturi preċedenti tad-drittijiet tal-kera, inkluż il-ksib tal-miri għall-2008 u l-2009 għall-provediment tal-akkomodazzjoni kemm ġewwa kif ukoll barra ż-żoni ta' interess speċjali għall-istat; Il-Kroazja tagħmel progress sostanzjali fil-provvediment tal-akkomodazzjoni lill-applikanti l-oħra kollha ta' suċċess għall-Assistenza għall-Akkomodazzjoni abbażi ta' pjan b'kalkolu komplet tal-ispejjeż;
- Il-Kroazja ssaħħaħ it-trattament tal-appelli għal applikazzjonijiet miċħudin ta' rikostruzzjoni tad-djar, telimina l-appelli eżistenti b'lura u tagħmel progress sinifikanti bir-rikostruzzjoni tal-proprietajiet li jibqa';

Il-Kroazja ttejjeb il-protezzjoni tad-drittijiet umani. B'mod partikolari,

- Il-Kroazja ttejjeb l-aċċess għall-ġustizzja, inkluż billi tieħu l-passi meħtieġa biex ikun żgurat li, permezz tal-adeżjoni, il-Qorti Amministrattiva ssir qorti tal-ġurisdizzjoni sħiħa fit-tifsira tal-Artikolu 6 ECHR u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali, kemm fil-liġi kif ukoll fil-prattika; u billi tiżgura implimentazzjoni mtejbja tal-Liġi dwar l-għajnuna legali;
- Il-Kroazja tistabbilixxi rekord ta' ħidma dwar l-implimentazzjoni tal-Liġi dwar l-Antidiskriminazzjoni u l-Liġi dwar ir-Reati ta' Mibegħda, waqt li tiżgura li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jittrattaw b'mod effettiv il-kawżi u li l-Uffiċċju tal-Ombudsman jissaħħaħ.

Kooperazzjoni mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja

Il-kooperazzjoni sħiħa mal-ICTY tibqa' rekwiżit għall-progress tal-Kroazja matul il-proċess ta' adeżjoni kollu, inkluż għall-għeluq proviżorju ta' dan il-kapitolu, f'konformità mal-qafas ta' negozjar adottat mill-Kunsill fit-3 ta' Ottubru 2005.

Il-monitoraġġ tal-progress fl-allinjament ma' u l-implimentazzjoni tal-*acquis* ser ikompli matul in-negozjati. L-UE tissottolinja li hija ser tagħti attenzjoni partikolari għall-monitoraġġ tal-kwistjonijiet speċifiċi kollha msemmijin hawn fuq bil-ħsieb li tiġi żgurata l-kapaċità amministrattiva tal-Kroazja. Jeħtieġ li tingħata konsiderazzjoni partikolari lir-rabtiet bejn il-kapitolu preżenti u kapitolu oħrajn ta' negozjar. Valutazzjoni finali tal-konformità tal-leġislazzjoni tal-Kroazja mal-*acquis* u tal-kapaċità implimentattiva tagħha tista' ssir biss fi stadju aktar tard tan-negozjati. Minbarra l-informazzjoni kollha li l-UE tista' teħtieġ għan-negozjati f'dan il-kapitolu u li għandha tkun ipprovduta lill-Konferenza, l-UE tistieden lill-Kroazja biex regolarment tipprovdi informazzjoni dettaljata bil-miktub lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-*acquis*.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, il-Konferenza ser ikollha terġa' lura għal dan il-kapitolu f'mument adatt.

Barra minn hekk, l-UE tfakkar li jista' jkun hemm *acquis* ġdid bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-konklużjoni tan-negozjati.